# GĦAQDA ĦBIEB KAPPELLI MALTIN

PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta
e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com
Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin

Ottubru 2020 — Ħarġa Nru 6

**Kumitat 2020**

**President**

Adrian Schinas

**Viċi-President**

Valent Xuereb

**Segretarju**

Nardu Agius

**Asst. Segretarju u PRO**

Norbert Gingell

**Teżorier**

Godfrey Mangion

**Assistent Teżorier**

Angele Xuereb

**Attivitajiet li l-Kumitat qed jaħdem u jippjana għax xhur li ġejjin** *(jistgħu jinbiddlu skont iċ-ċirkostanzi:)*

- POSPOSTI

Inħeġġu lill-Membri u ħbieb biex iżuru wkoll is-sit www.kappellimaltin.com għal aktar informazzjoni fid-dettal dwar il-kappellel u informazzjoni relatata

## EDITORJAL

Għeżież Membri u Ħbieb,

Nispera li tinsabu qawwijin u tajbin f'saħħitkom minkejja l-qilla tas-sajf u s-sitwazzjoni mhux normali li għaddejjin bħalissa.

Matul is-sajf il-Kumitat iltaqgħa sabiex jippjana l-attivitajiet għal perjodu Ottubru sa Diċembru, f'każ li s-sitwazzjoni kienet tkun aċċettabbli. Iżda sfortunatament l-attivita' għal Ottubru kella titħassar. Nisperaw li fil-ġejjieni qarib is-sitwazzjoni titjieb u nerġgħu niltaqgħu biex inkomplu ngawdu l-wirt reliġjuż li għandna madwar Malta u Għawdex.

F'din il-ħarġa tal-fuljett elettroniku, li permezz tiegħu l-Kumitat qed almenu jżomm kuntatt magħkom, qed jippreżentalkom erbgħa kappellel mhux tas-soltu . Dawn jappartjenu għal kappellel li jinsabu fil-fortifikazzjonijiet li bnew l-Ordni tal-Kavallieri tul il-perjodu li damu Malta.

Nispera li ssibuhom utli u ta' nteress.

*N. Gingell*

*Għal Kumitat*

## IL-KAPPELLA FIT-TORRI SANT'AGATA (TORRI L-AĦMAR), MELLIEĦA



*Ritratt: Luke Brincat*

It-Torri, iddedikat lil Sant'Agata, jew kif hu magħruf aktar mill-poplu bħala t-Torri l-Aħmar, kien lis-sitt, u l-akbar torri minn sebgħa li nbena matul il-kosta mill-GM Lascaris. Inbena fl-1647 u tlesta sentejn wara. Dan it-torri kien iddisinjat mill-arkitett militari Antonio Garsin. L-istruttura tiegħu kienet waħda massiva, b'ħitan ħoxnin. Il-karatteristiċi ta' dan it-torri huma l-erba turretti fil-kantunieri.

F'dan it-torri wieħed kien kien isib pittura / ikona ta' Sant'Agata Verġni u Martri.

*Dettalji meħuda mill-ktieb The Fortifications of Malta, awtur Dr Stephen C Spiteri, maħruġ mid-ditta BDL Publishing .*




Santa Agata Verġni Martri
*Pittur mhux magħruf*
*Kappella Torri ta' Sant Agata (Aħmar) - Mellieħa*

# IL-KAPPELLA TA' SAN NIKOLA, FORTI RICASOLI, KALKARA


Il-faċċata

Il-Kappella ta' San Nikola nbniet bejn l-1696 u l-1698 fil-Forti Ricasoli. Dan kien inbena mill-Kavallieri ta' San Ġwann bejn 1670 u 1698. Il-Fondazzjoni Cottoner, li kienet imwaqqfa f'ġieħ il-Gran Mastru Nikolas Cottoner, ħalset għall-bini tagħha u ġiet iddedikata lill-qaddis t'ismu.

Il-Kappella ġiet ikkonsagrata fil-15 ta' Mejju 1698 fil-presenza tal-Gran Mastru Ramon Perellos y Rocaful u dinjitarji għolja tal-Ordni ta' San Ġwann. Fid-19 ta' Mejju 1698 ġiet iddikjarata parroċċa taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ordni b'xi kundizzjonijiet fosthom li r-rettur ikun Kappillan tal-Ordni, u jkun magħżul mill-Fondazzjoni Cottoner. Din id-dinjità ta' Knisja Parrokkjali kellha tiġġedded kull seba' snin u sa ċertu punt kienet indipendenti mill-Isqof ta' Malta. Dan qajjem argumenti bejn l-Ordni ta' San Ġwann u l-Knisja ta' Malta.


L-altar maġġur

Il-festa ta' San Nikola kienet tiġi ċelebrata fis-6 ta' Diċembru, bil-kant tal-vespri u quddiesa bil-paniġierku. Kienet issir festa oħra fit-8 ta' Settembru li kienet tfakkar it-tmiem tal-Assedju l-Kbir tal-1565. Ġieli ġew iċċelebrati festi oħra fosthom dik tal-Milied.

Il-knisja għandha forma rettangulari, fuq stil militari, b'faċċata sempliċi. Fil-kantunieri nsibu erba' pilastri li jitilgħu saċ-ċinta, u erba' oħra fuq kull naħa fejn bejnithom insibu tliet twieqi kbar. Iċ-ċinta hija mdawra b'ħajt ta' sitt filati fejn insibu ċinta oħra. Il-bieb prinċipali hu rettangolari u fuqu hemm pediment.


Il-gallarija

Fil-knisja kif tidħol issib portiku li fuqu hemm gallarija. L-artal maġġur kien iddedikat lil San Nikola, filwaqt li ż-żewġ artali laterali kienu ddedikati lill-Madonna tal-Pilar, u l-ieħor lil San Ġwann Evanġelista. Dawn kienu mwaqqfin minn individwi li għalihom ħallsu lill-Fondazzjoni biex isir il-quddies meħtieġ.

Taħt il-knisja kien hemm kripta li kien fiha tliet artali: wieħed iddedikat lid-Duluri, l-ieħor lill-Kurċifiss u l-ieħor lill-Flaġellazzjoni ta' Ġesù.


altar tal-kripta

Kif wieħed jista' jobsor, din il-kappella kienet miżmuma tajjeb ħafna fi żmien l-Ordni kif ukoll meta kienet għaddiet taħt il-ħarsien tas-servizzi Inglizi, li zammewha f'kundizzjoni tajba. Wara li dawn temmew il-preżenza tagħhom f'Malta, sfortunatament, kemm il-fortizza kif ukoll il-knisja sfaw abbandunati u għandhom ħtieġa kbira ta' restawr. Nawguraw li dan iseħħ kemm jista' jkun malajr.


Altar laterali


Altar laterali


Il-Kappella mill-ġenb


L-istat ta' telqa u abbandun li fih tinsab bħalissa l-kappella u l fortizza

# IL-KAPPELLA TA' SANTU ROKKU FUQ IS-SUR, VALLETTA


Il-kappella fuq is-sur qabel il-gwerra

Kappella unika f'Malta li nbniet sabiex taqdi l-bżonnijiet ta' sezzjoni partikolari Maltija hija dik ta' Santu Rokku li tinsab fuq is-sur (*counterguard*) ta' San Mikiel, il-Belt, faċċata tal-Lażżaret. Din inbniet sabiex taqdi l-bżonnijiet reliġjużi tal-infettati, biex b'xi mod jisimgħu l-quddies. Hu ddokumentat li xi ħadd mill-Lazzarett kien idoqq qanpiena biex jindika li bdiet il-quddiesa fil-kappella filwaqt li josserva sew lill-qassis iqaddes fil-faċċata fil-kappella ta' Santu Rokku. Imbagħad kien joqgħod jgħid lin-nies taħtu meta għandhom iqumu bilwieqfa, meta joqgħdu bilqiegħda u meta jinżlu għarkubtejhom. Minn dan, ir-residenti tal-Lazzarett kienu wkoll ikunu jafu meta għandhom jgħidu talb partikolari bħalma hija l-Missierna jew il-Kredu.


Lażżarett

Il-kappella nbniet fl-istess żminijiet li kien qed jinbena l-Lażżarett fl-1643 fi żmien il-Gran Mastru Jean-Paul de Lascaris-Castellar. Ġiet iddedikata lill-Santu Rokku, protettur tal-mard infettiv. Fl-1809 kienet saret pittura titulari għall-kappella mill-pittur Malti Gaetano Calleja. Kienet titmexxa mill-patrijiet Kapuċċini tal-Furjana u kienet tintuża biss meta kienet issirilhom talba mill-gvern kolonjali ta' dak iż-żmien. Il-kappella kienet baqgħet tintuża sal-1930. Sfortunatament il-kappella saritilha ħafna ħsara matul it-Tieni Gwerra Dinjija,


Il-kappella mġarrfa


Lażżarett mill-kappella mġarrfa

Il-binja nnifisha kienet tikkonsisti minn kamra waħda f'forma ta' *trapizium* bil-faċċata wiegħsa aktar milli kienet in-naħa ta' wara. Ma kellha l-ebda tiżjin u kienet imsaqqfa bix-xorok imqiegħdin jistrieħu fuq erba' travi tal-injam.



Is-saqaf fuq it-travi

Kont tidħol fiha minn bieb fil-ħajt tal-ġenb, faċċata tal-gardjola li hemm maġenbha fuq il-lemin tagħha fil-kantuniera tas-sur. Minn ġewwa ma kellha l-ebda tiżjin jew dekorazzjoni, iżda l-faċċata, li tagħti għal fuq Marsamxett faċċata tal-Lażżarett, hija unika għax kienet forma ta' arkata kbira miftuħa minn fejn wieħed seta' jara ċ-ċelebrant iqaddes. Id-disinn tal-altar jixbaħ lil dawk l-altari li nsibu fi kripti taħt il-kappelli f'xi fortizza bħalma hemm fil-Forti Ricasoli u fil-Forti Manoel.



Id-daħla mill-ġenb

Fuq il-faċċata kien hemm kampnar żgħir li fuqu kien hemm is-salib tal- kavallieri,



L-altar


Il-kappella u l-gardjola

Permezz ta' flus mill-UE beda xogħol estensiv f'dak li hu tiswija ta' swar tal- fortifikazzjonijiet tal-belt Valletta, inkluż ir-rikostruzzjoni ta' din il-kappella. Ir-rikostruzzjoni saret fuq id-dokumentazzjoni misjuba fl-arkivji Maltin kif ukoll fuq ritratti u l-fdalijiet li kien għad baqa'. Nistgħu ngħidu li llum ir-rikostruzzjoni tal-binja l-ġdida hija kopja fidila ta' dik li kien bena l-Gran Mastru Lascaris fl-1643.



*Informazzjoni meħuda mis-sit www.kappellimaltin.com*

*Ritratti: Dr S C Spiteri u Internet*

# IL-KAPPELLA TA' SANT' ANTNIN TA' PADOVA, FORTI MANOEL, GZIRA



Dehra fil-bidu tas-seklu 20

Għalkemm l-ewwel ġebla kienet tqiedet b'ċerimonja fl-14 ta' Settembru 1723, il-pjan biex tiġi fortifikata *'l isolotto'* kien ilu jinħema ferm qabel. Il-pjanta oriġinali tal-1715 kienet tal-Inġinier Franċiż Rene Jacob de Tigne, imma l-aħħar disinn sar min Charles Francois de Mondion. Fis sena 1726, kif turi d-data fuq l-irħama fuq id-daħla prinċipali x-xogħol kien kważi lest. Imma l-kappella, dedikata lil Sant ' Antnin ta' Padova kienet lesta fl-1728, meta l-Pope Benedittu XIII (Pietro Francesco Orsini 1724-1730) b'digriet speċjali għolliha bi status ta' parroċċa.

Il-kappella, li tinsab fil-pjazza, hija stil Barokk u d-disinn tagħha hu attribwit lil arkitett Taljan Romano Carapecchia. Il-kappella kella 5 altari, bl-artal maġġur dedikat lil Sant' Antnin ta' Padova, waqt li l-oħrajn dedikati lil Sant'Anna, Marija Assunta, San Ġużepp, u l-Immakulta Kuncizzjoni.




Sant'Antnin ta' Padova
Pittur mhux magħruf
Kappella Sant' Antnin ta'Padova (Forti Manoel) - Gżira

Taħt il-kappella hemm kripta li fiha hemm midfun Mondion stess li kien miet bit-Tubercolosis fil-Milied tal-1733 fl-eta ta' 50 sena. L-altar tal-kripta kien dedikat lil Madonna tal-Grazzji.



Il-kripta

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, il-Forti ntlaqat mill-bombi u saret ħerba sħiħa, inkluża l-kappella.



Imġarrfa u abbandunata

Meta l-forti ma baqgħax jintuża, waqgħa f'perjodu twil ta' abbandun u telqgħa sħiħa. F'Awwissu tal-2001, il-kumpanija MIDI plc, li akkwistat il-gzira, bdiet programm ta' restawrazzjoni tal-kumpless tal-forti, inkluż ir-rikostruzzjoni tal-kappella, fejn ix-xogħol spiċċa fl-2009.



Xogħol ta' rikostruzzjoni





Mibnija mill-ġdiid



Il-kappella fil-glorja tagħha mill-ġdid



Il-ġenb tal-kappella

*Dettalji meħuda mill-ktieb The Fortifications of Malta, awtur Dr Stephen C Spiteri, maħruġ mid-ditta BDL Publishing u Internet.*

*Ritratti: Dr S C Spiteri, u Internet*